# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 316/2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Hassan Jama Hassan**
**Chaharou IBRAHIM**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Settembru 2021 fil-konfront ta' Hassan Jama Hassan (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 165735A) u Chaharou IBRAHIM (detentur tal-karta tal-identita' Maltija 49224A) fejn ġew mixlija talli nhar id-9 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' bejn l-4:00am u l-4.30am fi Triq Paceville, San Ġiljan u fi bnadi oħra f'San Ġiljan, f'Malta:

> 1. Ikkomettew serq ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' Ricardo Jr. Macalalay u minn fuq il-persuna ta' Jozef Drga liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-Ewro 2,329.37 u bil-ħin;

Kif ukoll, lil Chaharou IBRAHIM **waħdu** talli : -

6)Fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ricardo Macalalay kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;
7)u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
8)U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jinbidlu.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq l-ammissjoni ta' CHAHAROU IBRAHIM għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, sabet lill-imputat appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu iżda għażlet li ma tapplikax żieda fil-piena skont l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu għall-piena karċerarja ta' sentejn u għaxar xhur kif ukoll għall-multa ta' Ewro 116.47 u ordnat il-konfiska tal-arma.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara tali sentenza nulla u tipproċedi sabiex tagħti sentenza skont il-Liġi jew alternattivament sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena billi minflok tiġi nflitta piena skont il-Liġi u fil-parametri tal-istess u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

(i) L-ewwwel aggravju huwa fis-sens li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija nulla stante li ma tikkonformax mar-rekwiżiti meħtieġa ad validitatem skont l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għax il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tipprovdi l-fatti fuq liema l-appellat instab ħati;

(ii) Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati mhix dik ravviżata fil-Liġi in kwanti l-Qorti tal-Maġistrati niżlet taħt il-piena minima u dan mingħajr ma saret referenza għall-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u lanqas jissemmew xi raġunijiet speċjali u straordinarji kif jirrikjedi l-istess artikolu tal-Liġi sabiex il-Qorti tkun tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena preskritta mil-Liġi.

## D. Il-KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

### Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali

4. Illi f'dan l-ewwel aggravju tagħha l-Avukat Ġenerali illanjat li s-sentenza appellata hija nulla in kwantu nieqsa minn wieħed mir-rekwiżiti rikjesti mil-Liġi fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u dan b'referenza għall-fatti li tagħhom l-imputat appellat instab ħati fuq ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess. L-Avukat Ġenerali għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tinsab f'paġna 24 tal-atti proċesswali u dan stante li tgħid hekk:

> Illi, għalhekk, fl-umli fehma tal-esponent, hemm raġunijiet biżżejjed sabiex wieħed jargumenta li s-sentenza appellata, li tagħmel referenza għall-fatti tal-kawża bil-kliem ''Rat l-imputazzjoni/jiet'' **biss** u li hija miktuba fuq **karta għaliha** u mhux fuq il-komparixxi stess, ma tissodisfax ir-rekwiżiti meħtieġa ad validitatem skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għandha tiġi ddikjarata nulla minn din il-Qorti.

5. Il-ġurisprudenza tqis uffiċjali u li tikkostitwixxi stat kontra t-terzi dik il-kopja tas-sentenza ffirmata mid-Deputat Reġistratur, aktar milli dawk l-appunti li l-Maġistrat ikun niżżel di proprio pugno fuq il-komparixxi jew x'imkien ieħor fuq l-inkartament tal-kawża. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Eric Scicluna** deċiż nhar it-13 ta' Lulju 2012 intqal:

> Din il-Qorti diga` kellha okkazzjoni tidderimi din il-kwistjoni fis-sentenza moghtija « Il-Pulizija vs Raymond Parnis » [App. Krim. 02-05-12] liema sentenza, irreferiet ghal sentenza ohra wkoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali « Il-Pulizija vs Albert Bezzina » [deciza 25-07-1994] li fost affarijiet ohra qalet:
>
> «fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li la l-Artikolu 377(1) u anqas l-Artikolu 382 ma jirrikjedu li ssentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak li jghid il-magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux issentenza, u bejn dawk l- appunti u l-kopja ufficjali tassentenza ma hemmx kontradizzjoni ».

**L-insenjament ta' dan il-gudikat huwa car. Il-kopja ufficjali li torbot lill-partijiet hija dik illi johrog id-Deputat Registratur u mhux in-noti jew is-sentenza miktuba di proprio pugno mill-Magistrat. Din tal-ahhar tibqa` tal-Magistrat personalment u tista` tintuza biss bhala gwida lill-partijiet tal-hsieb li kellu l-Magistrat meta ta s-sentenza tieghu u ma tistax tintuza ghal xi argumenti procedurali li jistghu jwasslu ghan-nullita` taghha. Hija dik mahruga midDeputat Registratur taht il-firma tieghu illi tista` tkun soggetta ghal skrutinju. Dan ifisser kwindi illi lanqas dik is-sentenza ma ghandha ghalfejn tigi ffirmata mill-Magistrat peress illi l-validita` procedurali formali taghha jigi sanat bil-firma biss tad-Deputat Registratur.**[1]

6. Bl-istess mod l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Galea,**[2] reġa tratta l-prinċipju kardinali espost fl-appell **Bezzina** għalkemm żied ukoll kif ikun isegwi li allura anki jekk ikun hemm sitwazzjoni fejn l-appunti tal-Maġistrat ikunu nieqsa mill-kweżiti rikjesti bl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax tiġi invokata b'suċċess in-nullita' tas-sentenza appellata f'każ fejn dawn ir-rekwiżiti jkunu kollha ġew osservati fil-kopja tas-sentenza stampata u ffirmata mid-Deputat Reġistratur:

**Il-ġurisprudenza Maltija ma tqisx l-annotamenti fuq il-komparixxi magħmula mill-Maġistrat bħala li huma s-sentenza.**[3] Il-ġurisprudenza trid li dak li jkun hemm fin-notamenti tal-Maġistrat pero, jiġi rifless fis-sentenza. Tant hu hekk li l-każ Bezzina jgħallem li meta fuq l-annotamenti tal-Maġistrat fuq il-komparixxi jkun hemm dettalji nieqsa, li iżda jsibu ruħhom miktuba fis-sentenza (stampata), tali diskrepanza ma titqiesx bħala forma ta' nuqqas ta' formalita sostanzjali li ġġib innullita tas-sentenza. Dan peress li l-appunti tal-Maġistrat, appuntu, ma humiex is-sentenza u għalhekk mhux tenuti li jirrispettaw il-vot tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. L-importanti huwa li ssentenza uffiċjali tkun tirrispetta r-rekwiżiti kollha tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Dan japplika b'mod partikolari meta ma jkunx hemm kontradizzjoni bejn l-annotamenti tal-Maġistrat u dak li jkun miktub, jew stampat fis-sentenza.

7. Illi dik li l-Avukat Ġenerali qegħda tqis bħala s-sentenza uffiċjali li ngħatat kontra l-imputat CHAHAROU u li tinsab f'paġna 24 tal-atti proċesswali, tikkontjeni kemm l-appunti tal-Maġistrat kif ukoll il-firma tad-Deputat Reġistratur fejn hemm imniżżla d-data tat-13 ta' Settembru 2021. Biss, hemm referenza għas-sentenza li ngħatat kontra CHAHAROU anki fil-verbal tas-seduta datata l-10 ta' Settembru 2021 fejn inkiteb hekk:

Sentenza fil-konfront ta Chaharou Ibrahim

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.
[2] Deċiż nhar it-12 ta' Novembru 2019.
[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Il-Qorti sabet lill-imputat Chaharou Ibrahim ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, fuq ammissjoni tiegħu stess. Għażlet illi ma tapplikax żieda fil-grad ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkundannatu għall-piena karċerarja ta' sentejn u għaxar xhur, immultatu s-somma ta' Ewro 116.47 u ordnat il-konfiska tal-arma (Dok.DX).

8. Il-kopja tas-sentenza f'paġna 24 tal-atti proċesswali iġġib id-data tat-13 ta' Settembru 2021. B'hekk issegwi dak il-pronunzjament kontenut fil-verbal tal-10 ta' Settembru 2021. B'hekk dak imniżżel f'paġna 24 tal-atti jirrifletti dak li l-Maġistrat ried li jkun deċiż fil-każ tal-appellat.0

9. Issa l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid **il-fatti** li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'.

10. Il-fatti li dwarhom ikun ġie misjub ħati l-imputat huma l-fatti tar-reat kif riflessi wkoll fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis Benjamino Camilleri**[4] ġie mistqarr:

> L-Artiklu 382 tal-Kap 9 jghid li l-Qorti meta taghti s-Sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu ta' dan il-Kodici jew kull Ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Hija konsegwenza logika illi meta fis-sentenza taghha l-Qorti tghid il-fatti li dwarhom l-imputat ikun gie misjub hati **trid tirreferi għall-imputazzjonijiet illi jkun ġew dedotti kontra tiegħu u dawn il-fatti jridu jirreferu għal dawn l-imputazzjonijiet.**[5]

11. Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Elton Abela** deċiż fit-28 ta' Jannar 2005, il-"fatti" ġew meqjusa bħala li jfissru l-fatti tar-reat ossia l-imputazzjonijiet:

> Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s- sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun

[4] Deċiż nhar is-17 ta' Settembru 2012
[5] Enfasi ta' din il-Qorti.

deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "hati.

12. Fl-appell **Elton Abela** ġiet għalhekk ribadita d-distinzjoni bejn il-fatti tar-reat u l-motivazzjonijiet tas-sentenza li fuqhom tispjega u tiġġustifika l-kundanna tal-imputat. L-istess jirriżulta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Carmel Polidano** deċiż nhar il-11 ta' Diċembru 2013 fejn intqal:

> Jigifieri għall-validita` huwa sufficjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontempaw ir-reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l-Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha. Imbagħad l-artikolu 662(2) jipprovdi: "Kull decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-decizjoni".[6]

13. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Paul Chetcuti Caruana,**[7] ġie mistqarr kif ma jistax jiġi nvokat b'suċċess l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali fejn is-sentenza tkun tirreferi għall-imputazzjonijiet kif dawn ikunu ġew esposti fiċ-ċitazzjoni. Mhux rikjesti kwindi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tikkontjeni elaborazzjoni dettaljata ta' dawk il-fatti kif esposti fiċ-ċitazzjoni sakemm il-fattispecie tal-każ u l-integrita tal-ġudizzju ma jkunux jirrikjedu approfondiment ulterjuri. Il-ħsieb wara dan ir-rekwiżit huwa li jiġi assikurat li l-imputat ikun jaf biex inhu akkużat u ta' xiex huwa jkun qiegħed jiġi misjub ħati. F'dan is-sens ikun suffiċjenti li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jkun fiha biss referenza għall-imputazzjonijiet kif miġjuba. Il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti:

> Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett talMosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi **kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga'**

---

[6] Għalkemm huwa minnu li teżisti din id-distinzjoni fir-rekwiżiti tas-sentenzi tal-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali Inferjuri u dawk Superjuri, ma jfissirx li s-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati m'għandhomx ifissru b'mod ċar liema huma dawk il-fatti li tagħhom l-imputat ikun qiegħed hekk jinstab ħati. Il-Liġi Penali ma tagħmilhiex obbligatorja fuq il-Qrati tal-Maġistrati li jimmotivaw is-sentenzi tagħhom meta dawn iwaslu għal sejbien ta' ħtija u għaliex mhux rikjest mil-Liġi li s-sentenza tal-Qorti. Iżda tagħmilha tassattiva li tniżżel il-fatti tar-reat li tagħhom l-imputat ikun qiegħed jiġi misjub ħati sabiex id-dikjarazzjoni ta' ħtija tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda sikura, valida u allura infurzabbli kontra l-imputat. Jibqa' l-fatt li huwa dejjem konsiljabbli, b'mod partikolari fil-kuntest ġuridiku attwali fejn il-kompetenza estiża ta' dik il-Qorti twassal għal sentenzi ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax il-sena li dawk il-Qrati jimmotivaw is-sentenzi tagħhom fejn jiġu wkoll deċiżi kwistjonijiet ta' liġi.

[7] Deċiża nhar id-19 ta' Frar 2014

**tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar**.[8] F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti.

14. Sintendi, moħħ il-ġudikabbli jrid ikun ċar x'inhuma dawk l-imputazzjonijiet li tagħhom il-Qorti tal-Maġistrati tkun qegħda ssib ħtija dwarhom. Sabiex huwa jasal għal din l-informazzjoni, m'għandux ikun meħtieġ li jsir xi eżerċizzju ta' stħarriġ elaborat. Huwa għalhekk li fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit**[9], din il-Qorti għamlet distinzjoni bejn dik is-sentenza li tkun miktuba mill-Maġistrat fuq iċ-ċitazzjoni oriġinali – fejn allura jkun hemm ukoll imniżżla l-imputazzjonijiet kif miġjuba u l-fatti li jirreferi għalihom l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali – u dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija li ma tkunx miktuba fuq iċ-ċitazzjoni kif miġjuba. Dan għaliex fit-tieni ipoteżi, il-ġudikabbli jaf jiġih dubju dwar liema huma l-fatti/l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa jkun qiegħed hekk jinstab ħati u kif ingħad, huwa mhux tenut li jagħmel eżerċizzju ta' analiżi tal-atti proċesswali sabiex jasal għal din l-informazzjoni.

15. L-Avukat Ġenerali għandha raġun li tilmenta kif id-dokument f'paġna 24 tal-atti proċesswali ma fihiex riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-appellat iżda fiha sempliċement referenza għall-imputazzjonijiet kif ġew ammessi mill-appellat fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2021. Lanqas fil-verbal tas-seduta fejn ġiet reġistrata l-ammissjoni mill-appellat ma hemm riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu. Dan ma jistax jitqies li jissodisfa l-vot tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

16. Illi apparti minn hekk, id-dokument f'paġna 24 tal-atti proċesswali lanqas ma fih referenza għall-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), skont il-verbal tas-seduta datat 10 ta' Settembru 2021, għażet li ma tapplikax żieda bi grad fil-piena ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ikun ifisser li l-ħsieb tal-Maġistrat skont il-verbal imsemmi ma ġiex ukoll rifless f'dik li kellha titqies bħala l-kopja

[8] Enfażi ta' din il-Qorti.
[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986, Vol. 70 (1986), Parti Nru 5, paġna 642.

uffiċjali tas-sentenza. Minkejja dan, jirriżulta qbil fil-piena inflitta bejn dak li hemm imniżżel fil-verbal u dak li hemm indikat bħala l-piena fid-dokument f'paġna 24 tal-atti. F'dan is-sens, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li hemm ukoll każ ta' nullita' fuq bażi ta' kontradditorjeta' hekk kif kien il-każ fis-sentenzi **Il-Pulizija vs. Anthony Galea**[10] u **Il-Pulizija vs. Marc Vella Bonanno.**[11]

17. **Għalhekk din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant Avukat Ġenerali, u tgħaddi biex tannulla s-sentenza appellata u tiddeċiedi l-kawża fil-meritu fis-sensi tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali u dan wara li qieset li f'dan il-każ trattasi ta' ammissjoni inkondizzjonata da parti tal-appellat għall-imputazzjonijiet li kienu miġjuba kontra tiegħu.**

18. Fit-trattazzjoni il-Prosekuzzjoni insistiet li kien hemm bażi għat-tħassir tas-sentenza impunjata minħabba li l-fatti li għalihom l-appellat ammetta u ġie misjub ħati tagħhom ma kienux inklużi fil-korp tas-sentenza kundannatorja, kif ukoll minħabba li l-piena erogata kienet taħt il-minimu stabbilit mill-Liġi. Sorvolat l-ewwel punt, imiss issa li jiġi mistħarreġ jekk, ġaladarba l-appellat kien ammetta kondizzjonatament għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu jekk il-piena ġja inflitta kienetx taħt il-minimum stabbilit mill-Liġi.

19. Ma hemmx konstestazzjoni bejn il-partijiet li l-appellat ammetta inkondizzjonatament għall-imputazzjoni miġjuba kontrih. Huwa ma appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Bl-ebda mod ma dik l-ammissjoni ġiet b'xi mod kontestata jew dibattuta. Il-ħtija tal-appellat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, anke in vista tal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ukoll segwiet dak rikjest mill-artikoli 392A u 453 tal-Kodiċi Kriminali. L-ammissjoni tiegħu għalhekk treġi anke f'dan l-istadju.

20. Il-kwistjoni għalhekk issa ddur dwar il-piena. L-appellat ġie misjub ħati fis-sensi:

(a) tal-artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(ċ), 275, 277(a), 279(a), {280(2)}, 281(a) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) tal-artikoli 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) tal-artikoli 6, {51(7)} u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Novembru 2019

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Novembru 2019.

(d) tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

20. F'dan il-każ, is-serq kien ammess bħala kwalifikat bil-vjolenza, valur u ħin. Matul it-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali saħqet li b'riferenza għall-ewwel imputazzjoni, il-piena massima li setgħet tiġi erogata kienet dik bejn sentejn u ħames snin priġunerija. Dan fil-fatt jirrifletti l-iskala tal-pieni applikabbli għall-artikolu 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi li fil-każ ta' imputat ħati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza konsistenti f'offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna il-piena applikabbli hija dik ta' priġunerija minn **sentejn sa' ħames snin**. Dik jirriżulta li kienet l-iskala ta' pieni l-iżjed gravi u li jistgħu jingħataw fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

21. Iżda ġaladarba s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikolu 274 tal-Kodiċi Kriminali kien akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali (u fejn ma jkunx hemm il-kwalifika tal-mezz), il-ħati jingħata l-piena msemmija fl-artikolu 274 tal-Kodiċi Kriminali iġifieri f'dal-każ il-priġunerija bejn **sentejn u ħames snin**, iżda din il-piena ma tingħatax fil-minimum tagħha.

22. F'dan il-każ jirriżulta li din il-piena hija l-ikbar waħda li setgħet tingħata għall-ammissjoni tas-serq kwalifikat bil-vjolenza, valur u ħin f'dan il-kuntest in kwantu l-piena applikabbli għall-serq kwalifikat bil-vjolenza fiżika hija ikbar minn dik stabbilita għas-serq kwalifikat bil-valur li ma jaqbisx l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37). Il-piena applikabbli għas-serq kwalifikat b'dik il-limitazzjoni tal-valur biss hija dik ta' priġunerija bejn **ħames xhur u tliet snin**. Anke meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dak misjub fl-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena stabbilita bejn l-artikoli 274(ċ) u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali xorta waħda tibqa' l-ikbar piena li setgħet tingħata għall-ewwel imputazzjoni.

23. L-Avukat Ġenerali mhix tikkontesta dan il-punt. Anzi qablet li l-piena stabbilita fl-artikoli 274(ċ) u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali xorta waħda tibqa' l-ikbar piena li setgħet tingħata għall-ewwel imputazzjoni. Biss l-Avukat Ġenerali ssostni li għall-ewwel imputazzjoni biss, l-appellat kellu jiġi sentenzjat għall-piena li kellha tkun akbar minn dik ta' sentejn u disa' xhur priġunerija li ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Fir-rikors tal-appell jingħad li l-piena li kellha tiġi erogata fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kienet mill-anqas tliet snin priġunerija u dan bis-saħħa tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi kif tiġi komputata l-piena meta ma għandhiex tingħata fil-

minimum. Inoltre, f'dan il-każ tgħid li ma kienx hemm l-estremi msemmija fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun tista' timponi piena li taqa' taħt il-minimum.

24. Issa dwar il-mod kif il-ġurisprudenza għalmet li għandu jiġi applikat l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, ssir riferenza għall-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carl Grima** deċiż nhar is-7 t'Ottubru 2015 fejn, din il-Qorti diversament presjeduta kienet iċċitat estensivament u b'approvazzjoni mir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali f'dak il-każ dwar il-mod kif għandha tiġi komputata l-piena meta jkun applikabbli l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, bħal ma huwa dan il-każ. L-Avukat Ġenerali f'dak il-każ kien stqarr hekk fir-rikors tal-appell tiegħu:

> "Illi artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jistipula x'jigifieri meta l-ligi tipprovdi li piena 'ma ghandhiex tinghata fil-minimu taghha' u fil-fatt dan l-artikolu jistipula:
> "*'Meta l-ligi tiddisponi espressament li piena m'ghandhiex tinghata fil-minimum,* ***il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.****'*
>
> "Illi fil-kaz odjern id-differenza bejn il-minimu (13 il-xahar prigunerija) u l-massimu (seba' snin prigunerija) tal-piena applikabbli (skond kif intqal iktar 'il fuq) hija ta' wiehed u sebghin xahar prigunerija, li terz tal-istess differenza tammonta ghal sentejn prigunerija. Ghaldaqstant ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi hawn fuq citati isegwi li l-piena minima applikabbli ghall-appellat fil-kaz odjern hija dik ta' sentejn prigunerija u l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tinzel taht l-imsemmija piena minima ta' sentejn prigunerija. Dana qieghed jinghad ukoll konsiderando il-fatt li fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma jissemmew xi ragunijiet specjali u straordinarji kif jirrikjedi l-imsemmi artikolu 21 sabiex il-Qorti tkun tista' tinzel taht il-minimum tal-piena preskritta mill-ligi.

25. Din il-Qorti diversament presjeduta f'dik il-kawża stqarret dan li ġej:

> **6.** Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti kollha, tgħid mill-ewwel li l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Il-valur tar-refurtiva kien ta' tlett elef seba' mija u disgħin euro (€3,790). L-appellat ġie akkużat b'serq ikkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). L-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fejn il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija hija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Imbagħad, skond l-artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, meta s-serq ikkwalifikat bil-'valur' ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra – bħalma hu

fil-każ odjern – iżda mhux b'dik tal-'vjolenza' jew tal-'mezz', il-ħati jehel, skond il-każ, il-pieni imsemmijin fl-artikolu 279 (fil-każ odjern il-piena stipulata fl-artikolu 279(b)) iżda dawn ma jingħatawx fil-*minimum* tagħhom. Skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. Id-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* f'dan il-każ hu ta' wieħed u sebgħin (71) xahar. Terz ta' din id-differenza jekwivali għal 23.67 xahar. Mela l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi taħt il-*minimum* stabbilit mil-liġi.

26. F'dan il-każ, l-akbar piena msemmija mill-artikolu 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali hija dik bejn is-sentejn u l-ħames snin. L-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali għal dan il-każ jirriżulta grazzi għal dak li jiddisponi l-artikolu 277(a) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi li meta s-serq bil-vjolenza jkun akkumpanjat bi kwalifika waħda jew iżjed li ma tkunx dik tal-mezz, il-piena ta' bejn sentejn u ħames snin priġunerija ma tingħatax fil-minimum tagħha. Allura ġaladarba bil-frażi l-piena ma tingħatax fil-minimum tagħha jfisser li jiskattaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, jfisser ukoll li f'dan il-każ, "il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum". F'dan il-każ għalhekk trid tittieħed id-differenza bejn il-minimum u l-maximum previst fl-artikolu 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li hija d-differenza bejn il-massimu ta' ħames snin priġunerija u l-minimu ta' sentejn priġunerija, li jekwivali għal tliet snin; li imbagħad għandha tiġi maqsuma bi tlieta sabiex tagħti r-riżultat ta' terz li għandu jkun ritenibbli l-minimu assolut f'termini ta' piena li jkun jista' jingħata fis-sensi tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali. Espressa b'dan il-mod, allura dan it-terz jekwivali għal sena priġunerija jew tnax il-xahar. Dan huwa riżultat li jidher pervers meta konsidrat mal-fatt li huwa inqas mill-minimum li l-istess artikolu 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jipprevedi. Wieħed raġonevolment jistenna li l-minimum stabbilit bil-formula msemmija bl-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali għandha tiġi għola mill-minimum stabbilit bl-artikolu li jippreskrivi l-piena. Iżda dan mhux dejjem jiġri – b'mod partikolari fejn id-differenza bejn il-minimum u l-maximum fil-piena ma tkunx waħda kbira. Mill-banda l-oħra il-Liġi ma tgħidlekx x'jiġri f'każ bħal dan u ma tgħidlekx li din id-differenza għandha tiżdied mal-minimum stabbilit fl-artikolu li jippreskrivi l-piena, kif donnu targumenta l-Avukat Ġenerali. "Għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-

minimum u l-maximum” ma tfissirx li żżid din id-differenza mal-minimum meta l-minimum stabbilit bil-formula jiġi anqas mill-minimum stabbilit bl-artikolu nnifsu.

27. Jirriżulta li f’dan il-każ, il-minimum stabbilit bil-formula msemmija fl-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali jiġi anqas minn dak stabbilit mill-artikolu tal-Liġi li jippreskrivi l-piena. F’każ bħal dan, li huwa żgur huwa li l-Qorti ma tistax tinżel anqas mill-minimum tal-piena stabbilit fl-artikolu li jippreskrivi l-piena nnifsu. F’dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx teroga piena li kienet anqas minn sentejn priġunerija għall-ewwel imputazzjoni.

28. Kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-piena f’dak iż-żmien meta seħħ ir-reat kienet tvarja bejn tlettax il-xahar u tliet snin priġunerija.

29. Kwantu għat-tielet imputazzjoni il-piena prevista kienet dik ta’ multa ta’ mija u sittax il-ewro sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

30. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalkemm irrikonoxxiet li l-appellant kien reċidiv fis-sensi tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, mill-banda l-oħra għażlet li ma żżidx il-piena bi grad fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

31. Din il-Qorti tqis li l-appellat ammetta li huwa reċidiv u għalhekk, anke jekk il-Prosekuzzjoni ma preżentatx il-provi kollha relattivi għall-addebitu tar-reċidiva xorta waħda dan l-addebitu jirriżulta soddisfaċentement ippruvat. Jispetta lil Qorti tiddeċiedi jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ikunx jimmerita awment fil-piena jew le.

32. Bis-saħħa tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, persuna ħatja ta’ żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien. F’dan is-sens għalhekk jissussisti konkors bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni biex b’hekk tittieħed il-piena preskritta ewwel imputazzjoni biż-żieda minn terz sa nofs il-piena stabbilita għat-tieni imputazzjoni. Il-piena għat-tielet imputazzjoni hija multa fl-ammont ta’ €116.47 u mhix punibbli bi priġunerija. Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva, din tirriżulta, iżda fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-appellat, il-Qorti tqis li ma għandhiex timponi żieda fil-piena preskritta fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

# DECIDE

**Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(ċ), 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 6, 51(7) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti ssib lil Ibrahim CHAHAROU, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu iġifieri tal-ewwel, is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjoni u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' sentejn u għaxar xhur priġunerija flimkien ma multa ta' mija sittax il-ewro sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) filwaqt li tordna l-konfiska tal-arma eżebita a fol DX.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**